FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR

GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D.
SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA, 15 TA' NOVEMBRU, 1996

Avv. Nru. 288/96

The Performing Right Society Limited

vs

Saviour Borg

It-Tribunal

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Gunju, 1996, fejn intalab il-hlas ta' Tlettax il-Lira Maltija u tmenin centezmu, (Lm13.80), in kwantu ghall Tnax il-Lira Maltija, (Lm12), "royalty", kif ukoll taxxa fuq il-Valur mizjud fuq l-istess "royalty" fl-ammont ta' Lira u tmenin centezmu, (Lm1.80), dovut bil-quddiem in konnessjoni mal-licenzja numru 9399, Dok.A, rilaxxjata mis-socjeta attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment Selection Box, Tower Road, Sliema, ghall-perijodu mis-6 ta' Frar, 1996 sal-5 ta' Frar, 1997;

Bl-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez tal-avviz komprizi dawk tal-ittra legali tal-31 ta' Marzu, 1996, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa ma ppresentax risposta fir-rigward, u lanqas ma deher;

Semgha x-xhieda ta' Jonathan De Maria li kkonferma li l-ammont intier ghadu dovut;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u tad-dokumenti ezebiti;

In vista li jirrizulta soddisfacentement pruvat li l-ammont in kwistjoni ghadu kollu dovut, kif mitlub fl-avviz; it-Tribunal jilqa t-talba tas-socjeta' attrici, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' Tlettax il-Lira Maltija u tmenin centezmu, (Lm13.8Ø), kif fuq inghad;

Bl-imghaxijiet legali mis-6 ta' Frar, 1996 sad-data tal-eventwali pagament;

L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-ittra legali tal-31 ta' Marzu, 1996, ghandhom jigu sopportati interament mil-konvenut skond il-Ligi.

Avv Dr Joseph Refalo LL.D.
Gudikatur

Vera kopja fotostatika
Dep. Reg.